MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Numru. 1061/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**Tsvyatko Zlatarev ta' 29 sena, ta' nazzjonalita Bulgara, bin Hristoko u Nenka nee` n/a, imwieled Pazarjik (Bulgaria) fit-8 ta' Settembru 1982, minghajr indirizz fiss hawn Malta. Detentur tal-Karta ta' l-Identita Bulgara bin-numru 195449378**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

A. talli fit-18 ta' Settemrbu, 2011, u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer kif ukoll barra minn dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula

b’rizoluzzjoni wahda, appartjena ghal ghaqda imsemmija fis-Subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

B. talli fit-18 ta’ Settembru 2011, u fil-granet ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

1. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew bill inqed b’qerq iehor, ingann, jew billi were haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh

b’qerq ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tlein Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ l- Bank of Valletta Limited u l-HSBC Bank Malta plc;

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, xjentement ghamel minn att, kitba jew skrittura falza kif imsemmija f’Artikolu 184 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falz.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni fi stadju bikri tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 83A(2), 184, 308, 310(1)(b)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' sittax (16) il-xahar prigunerija.

Il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali jghaddi ghad-distruzzjoni ta' Dok B.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------